**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Ġuramentat Numru 557/2023 DC**

***Clinton Attard***

***vs***

***Daniela Grixti***

Illum, 5 ta' Ottubru, 2023

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' l-attur Clinton Attard ippreżentat fil-31 ta' Mejju 2023 permezz ta' liema ppremetta s-segwenti:-

*Illi permezz ta' kuntratt ta' akkwist datat 12 ta' Settembru 2014, ir-rikorrenti kien xtara l-proprjeta' enumerata 136, 'Clearwater', Maisonette 1, Triq in-Nadur, Marsakala;*

*Illi rikorrenti kien f'relazzjoni ma' l-intimata Daniela Grixti u kienu jgħixu de facto fi stat ta' koabitazzjoni fil-proprjeta' tar-rikorrenti flimkien ma' uliedhom, li attwalment jinsabu jabitaw mar-rikorenti;*

*Illi r-relazzjoni bejn ir-rikorrenti u l-intimata intemmet u l-intimata qiegħda tirrifjuta tivvaka mill-proprjeta' tar-rikorrenti mingħajr ebda raġuni valida. Filwaqt li hija kontinwament qiegħda taqla' argumenti verbali mar-rikorrenti, tant li l-istess rikorrenti spiċċa priġunier f' daru minħabba l-aġir ta' l-intimata;*

*Illi l-aġir tal-intimata huwa ta' detriment għas-saħħa mentali u fiżika tar-rikorrenti u dan peress li wara li ormai huwa għamilha ċara li jixtieqha tivvakha min daru, il-fatt li baqgħet timponi ruħha bil-preżenza tagħha għal dawn l-aħħar ġimgħat huwa qed iħossu fi stat ta' ansjeta' kbira, u litteralment priġunier ġo daru stess;*

*Illi l-intimata ma għandha l-ebda titolu validu fil-liġi fuq l-imsemmi fond, u l-okkupazzjoni tagħha hija waħda klandestina u illegali;*

*Illi l-intimata għalkemm debitamet interpellata sabiex tiżgombra u tirillaxxa il- pussess tagħha tal- fond ċitat, u dan ai termini termini ta' ittra legali datata 24 ta' Mejju 2023, hija baqgħet inadempjenti;*

*Illi peress li l-intimata qiegħda tirrisjedi fil-fond tar-rikorrenti mingħajr l-ebda titolu tal-liġi u anke kontra l-volonta' tiegħu stess, fl'umli fehma tar-rikorrenti, l-intimata m'għandha l-ebda eċċezzjoni valida skond il-liġi x' tissolleva f' din il- proċedura;*

*Illi għalhekk jeżistu l-elementi kollha rikjesti mill-liġi a tenur tal-artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex din il-kawża tinstema' u tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ;*

*Illi rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment u għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

U wara li hekk ippremetta talab lil Qorti:-

1. *Tisma' din il-kawża bid-dispenaa tas-smigħ għall-finijiet tal-artikolu 167 et seq Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. *Tordna lill-intimata sabiex tidher quddiem din l-Onorabbli Qorti fil-jum u fil- ħin li tiġi mogħtija a tenur tal-artikolu 167(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

3. *Tiddikjara li l-intimata qiegħda tgħix fil- proprjeta' tar-rikorrenti mingħajr ebda titolu validu fil-liġi.*

4. *Tordna lill-intimata sabiex tiżgombra mill-fond enumerat 136, 'Clear Water' Maisonette 1, Triq in-Nadur, Marsaskala entro terminu qasir u perentorju li jiġi prefiss minn din l-Onorabbli Qorti u tikkonsenja ċ-ċavetta ta' l-istess fond.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimata u b'riżerva għal kwalsijasi spejjeż ulterjuri spettanti lir-rikorrenti kontra l-istess intimata, liema intimata hija minn issa nġunta għas-*subizzjoni.

Rat id-digriet tal-5 ta' Ġunju 2023[1] li permezz tiegħu din il-kawża ġiet appuntata għas-smiegħ għas-seduta tas-27 ta' Ġunju, 2023 u l-konvenuta ġiet ordnata sabiex tidher dak in-nhar u, fin-nuqqas, il-Qorti kienet ser tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet ta'l-attur kif maħsub f'l-artikolu 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-konvenuta ġiet notifikata fit-18 ta' Lulju 2023[2].

Rat li l-konvenuta naqset li tidher u lanqas ippreżentat nota fir-reġistru fit-termini tal-artikolu 170(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tattakka l-proċedura tentata bħala waħda mhux regolari jew li ma tgħoddx ghal każ.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

Illi mir-rikors ġuramentat ta'l-attur hekk kif maħluf u l-atti hemm annessi jirriżulta li:

- l-attur, ġuvni, akkwista il-fond in eżami permezz ta' kuntratt datat 12 ta' Settembru 2014[3];
- meta kien f'relazzjoni mal-konvenuta għexu flimkien f'dan il-fond flimkien ma' uliedhom;
- ir-relazzjoni ta' bejniethom issa ntemmet u l-konvenuta tidher li ma tridx tivvaka mill-fond propjeta ta' l-attur minkejja li ġiet interpellata biex tagħmel hekk.

---

[1] A fol 20.
[2] Ref riferta a fol 28.
[3] Dok A a fol 5.

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi t-talbiet ta' l-attur jidhru ġustifikati u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tingħata bid-dispensa tas-smigħ skond l-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **tilqa' it-talbiet ta'l-attur** u ai fini tar-raba' talba tipprefiġġi **terminu perentorju ta' erbgħin (40) jum mill-llum għall-iżgumbrament tal-konvenuta** mill-fond 136, Clearwater, Maisonette 1, Triq in-Nadur, Marsascala. Spejjeż ta' dawn il-proċeduri jkunu a karigu tal-konvenuta.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**